MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Numru 25/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Daniel Lanzon**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 25 tas-sena 2009 kontra l-akkużat Daniel Lanzon, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003), għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, (18.00 hrs), ġewwa d-dar ta' abitazzjoni nru. wieħed u tmenin (81), fi Triq Sir Adrian Dingli, ġewwa tas-Sliema, **Daniel Lanzon**, attakka lil Carmela Cachia, persuna anzjana li dakinhar kellha sitta u sebgħin (76) sena, u għall-fini li ma jħallihiex toħroġ mid-dar, dolożament, bil- ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-imsemmija Carmela Cachia f'perikolu ċar, ta bidu għall-eżekuzzjoni tal-ħsieb tiegħu b'diversi atti billi: qabadha minn idejha u mbuttha fuq in-naħa ta' ġewwa tad-dar tagħha; billi,

permezz ta' lasta ta' xkupa, hu beda jagħtiha d-daqqiet fuq saqajha u fuq żaqqha; billi qabad flixkun tal-ħġieġ milli kien hemm fuq il-mejda u waddbu fid-direzzjoni tagħha u laqatha f'rasha; u billi qabad kutra minn fuq is-sodda, dawwarha ma' għonqha u beda jistira l-kutra madwar għonq l-istess Carmela Cachia.

Meta l-pulizija waslu fuq il-post, huma sabu lil Carmela Cachia mal-art mbeżżgħa u f'għadira ta' ilma u demm u bagħtu immedjatament lill- imsemmija Carmela Cachia l-isptar, fejn hemmhekk ġie kkonfermat li hi kienet f'qagħda kritika u fil-periklu li titlef ħajjitha. Fortunatament, l-intervent mediku li sarilha wassal lil Carmela Cachia sabiex issalva ħajjitha – xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` ta' Daniel Lanzon.

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Daniel Lanzon** sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmi **Daniel Lanzon** ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall- esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn seba (7) snin sa tletin (30) sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1) u (2) 31(1)(a) u (b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta' Akkuża, u ċioe' fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003), għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, (18.00 hrs), ġewwa d-dar ta' abitazzjoni nru. wieħed u tmenin (81), fi Triq Sir Adrian Dingli, ġewwa tas-Sliema, **Daniel Lanzon** daħal fl-imsemmi fond billi ħabbat il-bieb ta' barra tal-fond imsemmi u għamel tabirruħu li kien membru tal-korp tal-pulizija. Meta Carmela Cachia, persuna anzjana li dakinhar kellha sitta u sebgħin (76) sena, fetħitlu l-bieb, hu daħal ġewwa u qalilha "agħtini l-flus għax noqtlok". Kif qal hekk hu daħal fil-kamra tas-sodda u beda jqalleb fil-gwardarobba. Fid-dar ta' l- imsemmija Carmela Cachia, kien hemm ammont konsiderevoli ta' flus u oġġetti oħra, liema ammont jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100).

Meta Carmela Cachia rat hekk, bdiet tgħajjat u ppruvat toħroġ mill-fond tagħha. Meta ra hekk, **Daniel Lanzon** mar fuq l-imsemmija Carmela Cachia, kaxkarha minn idejha, qabad jagħtiha b'lasta ta' xkupa, waddbilha flixkun għal rasha u anke dawwar kutra ma' għonqha u beda jissikka l-istess u wara ftit poġġa lil Carmela Cachia ma' l-art. Wara dan, hu reġa' mar lura fil-kamra tas-sodda u kompla jfittex pero' ma sab xejn peress li l-flus u oġġetti oħra kienu moħbija sewwa.

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Daniel Lanzon** sar ħati ta' tentattiv ta' serq liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-vjolenza għax sar flimkien ma' tentattiv ta' omiċidju, bil-valur li jiskorri l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) (Lm1,000) u liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmi **Daniel Lanzon** li sar ħati ta' tentattiv ta' serq liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-vjolenza għax sar flimkien ma' tentattiv ta' omiċidju u

bil-valur li jiskorri l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) (Lm1,000) u liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tal-ħati; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena għal għomru skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 269(g), 273, 275, 276A, 277(a), 280, 281, 289, 20, 41(1)(a), u 533 tal- Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u taħt iċ- ċirkostanzi indikati hawn taħt, mill-investigazzjonijiet ulterjuri li saru mill- pulizija b'konnessjoni mal-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, **Daniel Lanzon** f'żewġ stqarrijiet rilaxxati lill-pulizija fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fis-sebgħa (7) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003), **Daniel Lanzon** ammetta illi bejn Diċembru tas-sena elf disgħa mija disgħa u disgħin (1999) u Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) beda jagħmel sensiela ta' serqiet, u ċioe` li kontra l-volonta` tal- propjetarji msemmija hawn isfel, **Daniel Lanzon** ħa flus u oġġetti oħra a benefiċċju tiegħu, minn diversi postijiet minn tas-Sliema, il-Gżira, Birkirkara u r-Rabat (Malta), liema serqiet huma:

a) fil-lejl ta' bejn l-erbatax (14) u l-ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija disgħa u disgħin (1999) ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti minn ġol-fond 'Leslie Confectionery' fi Triq Rudolfu, f'Tas-Sliema, u dan billi fetaħ il-ħadid tax-*shutter* ta' l-imsemmi ħanut 'Leslie Confectionery', daħal minn bejn il-ħadid u seraq numru ta' pakketti tas-sigaretti kif ukoll flus kontanti b'valur globali li jiskorri l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin u bil-valur u sar a detriment ta' Leslie Vella;

b) nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000), għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta’ filgħodu (11.30 am), ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn ġol-fond “Kulleġġ tas-Sależjani” fi Triq San Ġwann Bosco, f’Tas-Sliema, u dan billi daħal f’uffiċċju u seraq *cash box* li kienet fit-tieni kexxun ta’ cupboard li kien jinsab f’dan l-uffiċju, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2,329.37) (Lm1,000) u li seħħ għad-dannu ta’ l-istess Kulleġġ;

c) fil-lejl ta’ bejn is-sitta u għoxrin (26) u s-seba u għoxrin (27 ) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) ikkommetta serq ta’ flus kontanti mil-Lukanda No. 115 ‘The Strand’, sitwata fi Triq ix-Xatt, Gżira, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u sar a detriment ta’ Paul Camilleri u/jew propjetarji jew Diretturi oħrajn ta’ l-imsemmija Lukanda;

d) fit-tlettax (13) ta’ April tas-sena elfejn u tnejn (2002), f’xi ħin matul il-jum, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, mil-Lukanda ‘Windsor’, sitwata f’ No.83 Triq Windsor, Sliema, u dan billi daħal fil-lukanda, ra li ma kien hemm ħadd, baqa’ sejjer wara l-bank tar-reception u minn hemmhekk seraq is-somma ta’ inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) fi flus, u liema ammont ma jeċċedix is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) (Lm100) u sar a detriment ta’ Ronald Azzopardi;

e) fit-tlettax (13) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), f’xi ħin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti fosthom flus kontanti u dan billi daħal fil-ħanut, ‘Emanuel Studio’ sitwat fi Triq ix-Xatt, Gżira, li kien miftuħ, u nnota li wara l-bank ma kien hemm ħadd, x’ħin ra hekk, hu daħal wara l-bank, ħa portmoni li kien hemm fuq il-bank, sab iċ-ċavetta, fetaħ il-cash register u minn hemm ħa somma ta’ flus kontanti li l-valur tagħhom jeċċedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin

ċenteżmu (€2,329.37) (Lm1,000) liema serq hu kkwalifikat bil-valur u li seħħ a detriment ta' Rosina Busuttil;

f) fil-jiem ta' bejn it-tlieta (3) u l-ħamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003), f'xi ħin matul il-lejl, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, fosthom flus kontanti, mill-fond 'Colours of Malta Travel Agency', sitwat f'il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema, u dan billi żarma l-kaxxa tal-*codes* li kien hemm mal-ħajt, mess il-*wires* ta' wara flimkien sabiex ikun jista' jinfetaħ il-bieb tal-fond u daħal ġewwa. Minn hemmhekk hu seraq mobile phone tat-tip *Nokia*; seraq madwar disa' mija u wieħed u tletin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€931.75) li dak iż-żmien kienu erba' mitt Liri Maltin (Lm400); seraq mitt ewro (€100) li f'dak iż-żmien id-denominazzjoni tagħha kienet Ewro u mhux Liri Maltin; seraq camera diġitali, sett ċwievet u remote control tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni COM-989 propjeta` tal-kumpanija "Jet Lease Ltd" u li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-ħin, u li seħħ għad-dannu ta' Kenneth DeMartino u/jew diretturi ta' l-istess Aġenzija;.

g) fil-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003), ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti mill-fond 'Colours of Malta Travel Agency', sitwat f'il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema u dan billi ipprova jiddiġita kumbinazzjonijiet ta' numri differenti sakemm sab in-numru tal-code biex jinfetaħ il-bieb ta' l-imsemmi fond, fetaħ il-bieb, daħal fil-fond, mar fuq is-sistema ta' l-alarm tal-fond u tfiha, beda jqalleb fil-fond u seraq il-kaxxa tal-petty cash li kien fiha madwar ħames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€582.34) li dak iż-żmien kienu mitejn u ħamsin Liri Maltin (LM250) liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-ħin, u li seħħ għad-dannu ta' Kenneth DeMartino u/jew diretturi ta' l-istess Aġenzija;

h) fil-lejl ta' bejn it-tnejn u għoxrin (22) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003), ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti,

mill-fond ‘Colours of Malta Travel Agency’, sitwat f’il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema, u dan billi faqa’ l-bieb ta’ barra tal-ħġieġ tal-fond, daħal ġewwa u minhekk hu seraq numru ta’ slaleb ta’ Malta tal-fidda; seraq flus barranin fl-ammont ta’ mija u sittax-il ewro u sitta u erbgħin ċentezmu (€116.46) (Lm50); seraq tmien mitt ewro (€800) f’denominazzjoni ta’ ewro u seraq laptop computer tat-tip *Compaq Presario*, u li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta’ elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) (Lm1,000) liema serq hu kkwalifikat bil-valur; bil-mezz u bil-ħin, u li seħħ għad-dannu ta’ Kenneth DeMartino u/jew diretturi ta’ l-istess Aġenzija;

i) f’xi jum fix-xhur ta’ bejn Jannar u Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003), f’xi ħin matul il-lejl, ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn ġol-fond ‘Ċentru Taħriġ ta’ persuni b’diżabilita`’ sitwat fi Triq Fleur de Lys, Birkirkara u dan billi daħal mill-bieb taċ-Ċentru (li kien miftuħ) u baqa’ dieħel sa ġewwa nett tal-bini, sab kamra fuq il-lemin tal-bini li kellha l-bieb magħluq, fetaħ dan il-bieb billi, permezz li għadda idu mill-bieb, għolla l-firroll li kien hemm fuq ġewwa, fetaħ l-istess bieb u daħal ġewwa fejn min hemm hu ħa madwar tlieta u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€93.17) (Lm40) flimkien ma xi oġġetti oħra u li l-valur globali tagħhom ma jeċċedix is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) (Lm100), liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin, u li seħħ għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u/jew ta’ l-amministraturi ta’ l-istess Ċentru;

j) f’xi jum fix-xhur bejn Jannar u Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), f’xi ħin matul il-jum, ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn ġos-sagristija tal-Knisja Parrokjali ta’ San Pawl, sitwata fi Pjazza San Pawl, ir-Rabat (Malta) u dan billi daħal mill-bieb prinċipali, baqa’ dieħel fis-sagristija fejn ma kien hemm ħadd. X’ħin ra hekk, hu sgassa l-bieba ta’ cupboard u minn hemmhekk ħa s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100), liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-

valur u li seħħ a detriment ta’ Rev. Fr. Joseph Farrugia u/jew ta’ l-Arċidjoċesi ta’ Malta;

Illi b’għemilu, l-imsemmi **Daniel Lanzon,** sar ħati ta’ serq ta’ oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u ħin u sar b’diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti b’riżoluzzjoni waħda u bi ksur ta’ l-istess dispożizzjoni tal-Liġi.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmi **Daniel Lanzon,** sar ħati ta’ serq ta’ oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u ħin u sar b’diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti b’riżoluzzjoni waħda u bi ksur ta’ l- istess dispożizzjoni tal-Liġi; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l- imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija minn tlettax-il xahar priġunerija u mhux aktar minn disa’ snin priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 18, 31, 50, 261, 263, 264, 267, 269, 270, 278, 279, 280, 281 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Daniel Lanzon, tal-11 ta’ Gunju, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih bl-alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Akkuża kif suġġerita mill-Avukat Ġenerali, il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta’ priġunerija għal periodu ta’ ghaxar snin u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi għad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-11 ta’ Gunju, 2012, li biha in vista tal-possibbli ammissjoni tal-akkużat fit-termini tar-rikors konġuntiv tal-11 ta’ Gunju, 2012, iddikjara li huwa dispost illi f’każ li l-akkużat jammetti r-reat taħt l-

artikoli 41(1)(b) u 211(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa jaċċetta din l-ammissjoni bħala alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża kif prezentement migjuba u dan filwaqt li jzomm ferm ghall-bqija tal-Kapi fl-istess Att t'Akkuza.

Rat illi waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju, 2012, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża bl-alternattiva proposta mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu bl-alternattiva proposta mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Daniel Lanzon, ħati talli:

1. fis-6 ta' April, 2003, ghall-habta tas-6.00 ta' filghaxija, gewwa d-dar ta' abitazzjoni numru 81, Triq Sir Adrian Dingli, tas-Sliema, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu, u dana skont l-alternattiva proposta mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

2. fis-6 ta' April, 2003, ghall-habta tas-6.00 ta' filghaxija, gewwa d-dar ta' abitazzjoni numru 81, Triq Sir Adrian Dingli, tas-Sliema, sar ħati ta' tentattiv ta' serq liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-vjolenza għax sar flimkien ma' tentattiv ta' omiċidju u bil-valur li jiskorri l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) (Lm1,000) u liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u

indipendenti mill-volonta` tal-ħati, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati hawn taħt, mill-investigazzjonijiet ulterjuri li saru mill-pulizija b'konnessjoni mal-Kapi preċedenti ta' dan l- Att ta' Akkuża, Daniel Lanzon f'żewġ stqarrijiet rilaxxati lill-pulizija fis- sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fis-sebgħa (7) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003), Daniel Lanzon ammetta illi bejn Diċembru tas-sena elf disgħa mija disgħa u disgħin (1999) u Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) beda jagħmel sensiela ta' serqiet, u ċioe` li kontra l-volonta` tal- propjetarji msemmija hawn isfel, Daniel Lanzon ħa flus u oġġetti oħra a benefiċċju tiegħu, minn diversi postijiet minn tas-Sliema, il-Gżira, Birkirkara u r-Rabat (Malta), liema serqiet huma:

a) fil-lejl ta' bejn l-erbatax (14) u l-ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija disgħa u disgħin (1999) ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti minn ġol-fond 'Leslie Confectionery' fi Triq Rudolfu, f'Tas-Sliema, u dan billi fetaħ il-ħadid tax-*shutter* ta' l-imsemmi ħanut 'Leslie Confectionery', daħal minn bejn il-ħadid u seraq numru ta' pakketti tas-sigaretti kif ukoll flus kontanti b'valur globali li jiskorri l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin u bil-valur u sar a detriment ta' Leslie Vella;

b) nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000), għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 am), ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġol-fond "Kulleġġ tas-Sależjani" fi Triq San Ġwann Bosco, f'Tas-Sliema, u dan billi daħal f'uffiċċju u seraq *cash box* li kienet fit-tieni kexxun ta' cupboard li kien jinsab f'dan l-uffiċju, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2,329.37) (Lm1,000) u li seħħ għad-dannu ta' l-istess Kulleġġ;

c) fil-lejl ta' bejn is-sitta u għoxrin (26) u s-sebgha u għoxrin (27 ) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) ikkommetta serq ta' flus kontanti mil-Lukanda No. 115

'The Strand', sitwata fi Triq ix-Xatt, Gżira, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u sar a detriment ta' Paul Camilleri u/jew propjetarji jew Diretturi oħrajn ta' l-imsemmija Lukanda;

d) fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002), f'xi ħin matul il-jum, ikkommetta serq ta' flus kontanti, mil-Lukanda 'Windsor', sitwata f' No.83 Triq Windsor, Sliema, u dan billi daħal fil-lukanda, ra li ma kien hemm ħadd, baqa' sejjer wara l-bank tar-reception u minn hemmhekk seraq is-somma ta' inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) fi flus, u liema ammont ma jeċċedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) (Lm100) u sar a detriment ta' Ronald Azzopardi;

e) fit-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), f'xi ħin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti u dan billi daħal fil-ħanut, 'Emanuel Studio' sitwat fi Triq ix-Xatt, Gżira, li kien miftuħ, u nnota li wara l-bank ma kien hemm ħadd, x'ħin ra hekk, hu daħal wara l-bank, ħa portmoni li kien hemm fuq il-bank, sab iċ-ċavetta, fetaħ il-cash register u minn hemm ħa somma ta' flus kontanti li l-valur tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) (Lm1,000) liema serq hu kkwalifikat bil-valur u li seħħ a detriment ta' Rosina Busuttil;

f) fil-jiem ta' bejn it-tlieta (3) u l-ħamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003), f'xi ħin matul il-lejl, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, fosthom flus kontanti, mill-fond 'Colours of Malta Travel Agency', sitwat f'il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema, u dan billi żarma l-kaxxa tal-*codes* li kien hemm mal-ħajt, mess il-*wires* ta' wara flimkien sabiex ikun jista' jinfetaħ il-bieb tal-fond u daħal ġewwa. Minn hemmhekk hu seraq mobile phone tat-tip *Nokia*; seraq madwar disa' mija u wieħed u tletin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€931.75) li dak iż-żmien kienu erba' mitt Liri Maltin (Lm400); seraq mitt ewro (€100) li f'dak iż-żmien id-denominazzjoni tagħha kienet Ewro u mhux Liri Maltin; seraq camera diġitali, sett

ċwievet u remote control tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni COM-989 propjeta` tal-kumpanija "Jet Lease Ltd" u li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100) liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-ħin, u li seħħ għad-dannu ta' Kenneth DeMartino u/jew diretturi ta' l-istess Aġenzija;.

g) fil-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003), ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti mill-fond 'Colours of Malta Travel Agency', sitwat f'il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema u dan billi ipprova jiddiġita kumbinazzjonijiet ta' numri differenti sakemm sab in-numru tal-code biex jinfetaħ il-bieb ta' l-imsemmi fond, fetaħ il-bieb, daħal fil-fond, mar fuq is-sistema ta' l-alarm tal-fond u tfiha, beda jqalleb fil-fond u seraq il-kaxxa tal-petty cash li kien fiha madwar ħames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€582.34) li dak iż-żmien kienu mitejn u ħamsin Liri Maltin (LM250) liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-ħin, u li seħħ għad-dannu ta' Kenneth DeMartino u/jew diretturi ta' l-istess Aġenzija;

h) fil-lejl ta' bejn it-tnejn u għoxrin (22) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003), ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, mill-fond 'Colours of Malta Travel Agency', sitwat f'il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema, u dan billi faqa' l-bieb ta' barra tal-ħġieġ tal-fond, daħal ġewwa u minhekk hu seraq numru ta' slaleb ta' Malta tal-fidda; seraq flus barranin fl-ammont ta' mija u sittax-il ewro u sitta u erbgħin ċentezmu (€116.46) (Lm50); seraq tminn mitt ewro (€800) f'denominazzjoni ta' ewro u seraq laptop computer tat-tip *Compaq Presario*, u li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) (Lm1,000) liema serq hu kkwalifikat bil-valur; bil-mezz u bil-ħin, u li seħħ għad-dannu ta' Kenneth DeMartino u/jew diretturi ta' l-istess Aġenzija;

i) f'xi jum fix-xhur ta' bejn Jannar u Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003), f'xi ħin matul il-lejl, ikkommetta serq

ta’ flus kontanti minn ġol-fond ‘Ċentru Taħriġ ta’ persuni b’diżabilita`’ sitwat fi Triq Fleur de Lys, Birkirkara u dan billi daħal mill-bieb taċ-Ċentru (li kien miftuħ) u baqa’ dieħel sa ġewwa nett tal-bini, sab kamra fuq il-lemin tal-bini li kellha l-bieb magħluq, fetaħ dan il-bieb billi, permezz li għadda idu mill-bieb, għolla l-firroll li kien hemm fuq ġewwa, fetaħ l-istess bieb u daħal ġewwa fejn min hemm hu ħa madwar tlieta u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€93.17) (Lm40) flimkien ma xi oġġetti oħra u li l-valur globali tagħhom ma jeċċedix is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) (Lm100), liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin, u li seħħ għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u/jew ta’ l-amministraturi ta’ l-istess Ċentru;

j) f’xi jum fix-xhur bejn Jannar u Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), f’xi ħin matul il-jum, ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn ġos-sagristija tal-Knisja Parrokjali ta’ San Pawl, sitwata fi Pjazza San Pawl, ir-Rabat (Malta) u dan billi daħal mill-bieb prinċipali, baqa’ dieħel fis-sagristija fejn ma kien hemm ħadd. X’ħin ra hekk, hu sgassa l-bieba ta’ cupboard u minn hemmhekk ħa s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) (Lm100), liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-valur u li seħħ a detriment ta’ Rev. Fr. Joseph Farrugia u/jew ta’ l-Arċidjoċesi ta’ Malta, u u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero’ ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset ukoll li l-piena li sar qbil fuqha bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża hija fil-parametri tal-Liġi.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 211(1) u (2), 31, 31(1)(a) u (b), 37, 50, 261, 263, 264, 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 269, 269(g), 270, 273, 275, 276A, 277(a),

278, 279, 280, 281, 289, 20, 41(1)(a)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Daniel Lanzon għall-piena ta' ghaxar (10) snin priġunerija.

Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe' tlett elef, tlett mija w tlieta w erbghin Euros u tlieta w tletin Euro centezmi (€3343.33) liema spejjeż peritali jekk ma jithallsux jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

Wara li semgħet l-abbli Difensur jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar jekk għandux ikun applikat l-artikolu 416D tal-Kap 9 u rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju 2012 ;

Wara li semgħet ir-risposta tal-abbli Prosekutriċi;

Wara li semgħet ukoll dak li kellu xi jgħid il-psikjatra Dr Joe Spiteri dwar il-problemi tal-ħati u l-progress li għamel.

Wara wkoll li rat il-verbal magħmul fl-udjenza ta' llum mill-abbli avukat difensur
fejn huwa ssottometta li jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss li huwa opportun ghas-saħħa mentali tal-ħati tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin biex fl-aqsar żmien possibbli jġib il-każ a konjizzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja . Jekk ma tilqax din it-talba tordna l-komunika ta' dan il-verbal lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għall-rakkomandazzjoni biex jekk l-istess direttur iħoss li jkun opportun igib il-każ a konjizzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja biex jara jekk japplikax l-artikolu 44 tal-Att Dwar is-Saħħa Mentali.

Ikkonsidrat l-ewwelnett li skont il-Kap 9, l-artikolu 412D jista' jitħaddem biss mill-Qorti tal-Maġistrati sew bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kemm bħala Qorti Istruttorja kif jidher mit-titolu f'ittri kbar li jidher qabel l-artikolu 410. Isegwi għalhekk li l-leġislatur ried li din id-dispożizzjoni tintuża mill-Qorti tal-Maġistrati biss u mhux mill-Qorti Kriminali. Li kieku l-leġislatur ried mod ieħor kieku kien juri b'mod ċar li ried li din id-dispożizzjoni tintuża minn

kwalunkwe Qorti. Għalhekk din is-sottomissjoni tad-difiża ma tistax tintlaqa’.

Il-Qorti lanqas ma tista’ tilqa’ t-talba magħmula fil-verbal matul l-udjenza tal-lum.

Minflok il-Qorti qed tirrakkomanda li d-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin jagħti l-għajnuna medika kollha possibbli lill-akkużat kif ukoll l-attenzjoni mill-qrib u kostanti tal-psikjatra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------